**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 04**

**Data:** **24 ta' Settembru 2024**

**Hin:** **9.14am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Dr. Lisa Marie Brooke* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| | |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

04.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

04.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

04.5 Korrispondenza u Rapporti;

04.6 Attivitajiet;

04.7 Progetti u Xogholijiet;

04.8 Triq Tumas Cassar;

04.9 Approvazzjoni tal-operat tal-ARB Complex;

04.10 Materji ohra;

04.11 Skeda ta' Pagamenti;

04.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**04.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

04.1.1 Il-Vici Sindku talab sabiex jigi skuzat peress li kien jinsab indispost. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi skuzat.

**04.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

04.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**04.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

04.3.1 Is-Sindku irrefera ghad-delegazzjoni minn Marseille li ser tkun qeghda zzur ir-rahal taghna ghal skop ta' gemellagg. Kif kien previst id-dati konfermati bejn s-6 u 9 ta' Ottubru. Gie diskuss il-programm tal-attivitajiet fejn kien ssugerit li jsiru tours madwar il-lokalita' u mdawwar Ghawdex, harga fuq dghajsa mid-Dwejra u ohra madwar kemmuna. Parti mill-programm ser tinzamm ikla ufficjali. Joseph Mizzi ssugerixxa li ssir mixja fejn jiltaqghu ma' persuni li jaghmlu diversi snajjiet madwar il-lokalita'. Tonio Mifsud issugerixxa li jigi mistieden l-ambaxxatur Franciz ghall-ahhar ikla. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie ssugerit ukoll li jsir banner li jaqsam Triq l-Gharb u li jinghataw xi tokens. Il-Kunsill qabel li ghandu jsir il-program bit-tours u ikliet kif diskuss.

**04.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

04.4.1 Tonio Mifsud qal li l-camera ta' Pjazza Gerano ma kienetx qeghda tahdem. Is-Sindku qal li din kienet ser titranga.

**04.5 Korrispondenza u Rapporti**

04.5.1 Giet trattata korrispondenza minghand l-Arcipriet fejn talab lill-Kunsill jipprovdi ittra ta' rakkomandazzjoni ta' Radju Vizitazzjoni. Il-Kunsill qabel li ghandha tinghata din l-ittra. Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jitkellem mall-Arcipriet sabiex jinxtara *wheelchair* ghall-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament li jekk ikun hemm qbil mall-Arcipriet dan ghandu jinxtara.

04.5.2 Giet trattata korrispondenza minghand Kite Group fir-rigward ta' ktieb gdid bl-isem 'Caged Spaces'. Il-Kunsill qabel li ghandu jinxtara ktieb.

04.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghall-permess ta' zvilupp:

PA/05874/24, PA/05875/24, PA/05910/24, PA/05810/24, PA/05845/24, RG/00700/24, PA/06014/24, PA/05973/24 u PA/06230/24.

**04.6 Attivitajiet**

04.6.1 Is-Sindku qal li din il-gimgha kien ser jigi organizzat il-Puppet Festival u ser ikun hemm ukoll il-Pop in the City. Gie spjegat li l-parti tal-Pop in the City ser tkun qeghda tigi organizzata parti fi Pjazza taz-Zjara tal-Madonna u parti fil-ground tal-futbol. Dawn huwa attivitajiet li ser isiru mill-Ministeru ghal Ghawdex pero' l-Kunsill ser ikun qed jikkollabora maghhom. Is-Sindku rega' ta spjegazzjoni ta' kif ser tkun qed tigi organizzata.

04.6.2 Fir-rigward tal-Puppet Festival gie suggerit il-program segwenti: Show fic-Centru Parrokkjali mill-grupp taljan fil-5.30pm u ohra fis-7.30pm. Fl-istess hin display tal-puppets u stall fejn jinbieghu l-puppets. Bhala entertainment ikun hemm animaturi tal-puppets kif ukoll fire jugglers. Matul il-gurnata tal-Hadd ikun hemm il-workshops. Bhala ikel, dan gie propost li jinbiegh mill-kumitat tal-festa. Il-puppets il-kbar jaghtu spettaklu bejn Pjazza Gerano u Pjazza taz-Zjara tal-Madonna matul il-gurnata tal-Hadd bejn l-10am u s-6pm. Il-Kunsill qabel ma' dan il-programm propost.

04.6.3 Gie spjegat li wara dan il-festival ser ikun qed isir il-Kite and Wind Festival li fih ser ikun hemm total ta' 41 partecipant. Is-Sindku qal li l-Kunsill diga qed jahdem fuq il-promozzjoni ta' dan il-festival. Huwa ssugerixxa li kif sar is-snin ta' qabel tingab band ghal waqt il-BBQ li jsir filghaxija. Il-Kunsill qabel unanimament.

04.6.4 Is-Sindku spjega li attivitajiet ohra li hemm ippjanti huma f'Novembru li jinkludu l-Opra, Make Music Great u Herbs festival.

04.6.5 F'Dicembru, gie propost li jergghu jitellghu l-attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku ssugerixxa li l-attivitajiet jibdew fit-13 ta' Dicembru u jinkludu l-Christmas Tree Choir, possibilment tat-terramaxka, serata folkloristika, u ghana, zona ghat-tfal, bands bhal Rebecca Bonello u DJ Sue. Huwa ssugerixxa li jkun hemm ukoll Joy Givers u anke Chasing Pandora. Bhas-soltu jkun hemm ice-rink miftuha. Is-Sindku ssugerixxa li ghal din is-sena, tingab dancing fountain li tkun bhala attrazzjoni principali waqt din l-attivitajiet tal-Milied. Is-Sindku ppropona ukoll li lejliet il-Milied u lejliet l-Ewwel tas-Sena wara l-Quddiesa ikun hemm ftit nar. Tonio Mifsud ssugerixxa li ssir band fuq it-trakk li ddur madwar it-toroq pero' gie innotat li din kienet saret matul iz-zmien tal-Covid u li ma tantx taghmel effett. Tonio qal li tista' ssir tip ta' karru bil-muzika u jkun hemm Father Christmas. Is-Sindku qal li normalment issir din fejn ikun hemm Father Christmas fuq is-sleigh. Gie issugerit ukoll li din titpogga fil-Pjazza sabiex in-nies ikunu jistghu jiehdu ritratt ma' Father Christmas. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li ssir parata fid-29 ta' Dicembru. Huwa zied jghid li bhala fondi l-Kunsill s'issa ghandu minn skema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u hemm talba ohra pendenti min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Il-Kunsill qabel mall-attivitajiet proposti ghall-attivitajiet tal-Milied.

04.6.6 Is-Sindku ppropona sabiex fl-ahhar gurnata tan-Novena fit-23 ta' Dicembru, tinghata tifkira zghira lit-tfal tal-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament.

04.6.7 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jara l-possibilita' li s-safra kulturali li jmiss issir gewwa Marseille fil-bidu ta' Jannar. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.7 Progetti u Xogholijiet

04.7.1 Is-Sindku qal li bhalissa qed jinghata l-wicc lit-Triq Dahlet Abdilla u lit-Triq tal-Blajjet. Huwa qal li l-Perit qed jara l-istima sabiex tigi diskussa u l-Kunsill ikun jista' jmexxi bix-xogholijiet. Gie spjegat li kif kien gie diskuss precedentament dan il-kuntratt kien inzamm minhabba trinka li kellha ssir u ghaldaqst il-kuntrattur ma setghax jibda' x-xogholijiet. Il-Kunsill iddiskkuta din il-materja u qabel li dan il-kuntratt ghandu jigi mgedded sa' Dicembru 2024.

04.7.2 Kien diskuss l-istat hazin ta' Triq Albert W. Ketelby u Triq Patri Albert Caruana u il-Kunsill qabel li tintbghat ittra lil Ministeru ghal Ghawdex sabiex ikun provdut il-finanzjament.

## 04.8 Triq Tumas Cassar

04.8.1 Is-Sindku qal li wara diskussjonijiet li kellu mall-kuntrattur din it-triq huwa previst li jinbeda x-xoghol fuqha. Din ser tkun qed tiehu tul ta' zmien biex titlesta'. Huwa ghalhekk mahsub li x-xogholijiet jitlestew sas-Sajf 2025 biex jigi inawgurat il-progett tal-panelli.

## 04.9 Approvazzjoni tal-operat tal-ARB Complex

04.9.1 Is-Sindku ppropona li jigi mqassam survey biex il-Kunsill ikollu risposta. Huwa qara dak li kien qed jissugerixxi u gie diskuss mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li apparti jitqassam jitpogga ukoll fuq l-App tal-Kunsill u fuq il-Facebook page.

04.9.2 Is-Sindku qara r-rati li kienu qed jigu proposti ghall-ARB Complex. Saret diskussjoni dwar l-ahhar mod kif jistghu jigu offruti l-memberships kemm ghan-nies tal-lokalita' kif ukoll ghal ohra u ghal dawk li m'ghandhomx memberships. Rati ohra ser ikunu ghal dawk li ser ikunu qed joffru klassijiet. Il-Kunsill iddiskuta anke il-mod kif jista' jkollhom braclet li tkun waterproof sabiex x'hin jghaddi l-hin jinfurmawhom li jkun sar il-hin.

## 04.10 Materji ohra

04.10.1 Gie spjegat li s-Segretarju Ezekuttiv u l-impjegati tal-Kunsill kien ghad fadlilhom xi *vacation leave* li minhabba impenji ta' xoghol mhux ser ikun ittiehed sal-ahhar tas-sena. Is-Sindku qal li huwa jaqbel li l-*leave* pendenti tas-Segretarju Ezekuttiv u ta' l-Ufficjal Ezekuttiv ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla u fl-istess waqt iddikjara li fir-rigward ta' l-*Assistent principal* ghandu interess u ghaldaqstant

hareg mill-kamra. Il-Kunsill qabel li l-*Vacation Leave* li jibqa' pendenti ghandu jizdied ma' tas-sena d-diehla. Is-Sindku rega' isejjah lura fil-kamra.

04.10.2 Is-Sindku semma li mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali hareg Espressjoni ta' Interess ghal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubblici bin-numru SPI/SCI/7/2024. Din l-iskema giet diskussa u l-Kunsill qabel li ghandu jitlob ghajnuna fuq il-kumpless Mario Bajada li jinsab fi Triq Tumas Cassar. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-applikazzjoni tieghu.

**04.11 Skeda ta' Pagamenti**

04.11.1 L-iskeda tal-pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**04.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

04.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis 24 Ottubru, 2024 fid-9.00am.

04.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.50am

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv